MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 415/2011

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**CHARLIE BRINCAT**

**JEANFRED VELLA**

**KUMP NRU 415/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati**, Charlie Brincat detentur tal-karta tal-identita` numru 68481M u Jeanfred Vella detentur tal-karta tal-identita` numru 531184M,** gew akkuzati talli fil-25 t'Ottubru 2010 ghall-habta tal-4am u hinijiet qabel f'Rahal Gdid, u fil-Marsa :

1. Ikkommettejtu serq ta' 480 ewro, u dokumenti (HSBC card, card tal-pulizija tal-Immigrazzjoni u karta tal-identita') ghad-dannu ta' Hassan Muhamed Abubakar miz Zurrieq, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, valur, u hin;

2. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi tal-Awtorita Kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestajtu, zammejtu jew issekwestrajtu lil Hassan Muhamed Abubakar miz Zurrieq, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex persuna ohra tkun imgieghla taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

3. Talli, fl-istess cirkustanzi, minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajtu hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra cioe' fuq il-persuna ta' Hassan Muhamed Abubakar miz Zurrieq;

4. U aktar talli kontu fil-pussess ta' arma bil-ponta minghajr licenzja tal-kummissarju tal-pulizija;

5. Talli fl-istess cirkustanzi hebbejtu ghal Hassan Muhamed Abubakar miz-Zurrieq sabiex tingurjawh, iddejquh jew taghmlulu hsara kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;

6. B'hekk irrendejtu ruhkom recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Hassan Muhamed Abubakar miz Zurrieq u tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-22 ta` Frar 2013 (ara *folio* 131) u l-kunsens ta` l-imputati sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 148);

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 25 ta` Marzu 2015 fejn, *inter alia*, l-imputati ammettew ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom u komplew jinsistu fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tathom zmien biex jahsbuha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lill-imputati qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarahom hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputati, anki jekk din ma tistax titqies bhala wahda daqstant bikrija. Qieset id-dikjarazzjoni ta` l-imputat Jeanfred Vella fl-udjenza ta` llum stess fejn iddikjara li huwa kien qed jaghmel programm residenzjali

mal-komunita` Caritas. Rat il-konferma ta` dan il-fatt minn naha ta` Noel Cassar, in rappresentanza tal-Caritas. Qieset ukoll li l-Qorti ntalbet tuza l-klemenza ma` l-imputat Jeanfred Vella sabiex huwa ma jitlifx dan il-progress li kien qed jaghmel fil-programm. Charlie Brincat accetta li huwa ghamel zbalji kbar f'hajtu u taghhom qed ihallas qares

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 28A, 49, 50, 289, 533, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 274(c), 275, 276, 277, 279(a), 280(2), 281(a), 86, 87(1)(e), 214, 221(1)(2)(3)(a), 382A, 383, 384, 386, 412C, u 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap 480, **issib lil Charlie Brincat u Jeanfred Vella hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom u konsegwentement tikkundannahom, kull wiehed, ghal piena ta` prigunerija ghal zmien sentejn izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba snin mill-lum, il-hati/hatja jikkommetti/u reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**.

In oltre, torbot lil kull wiehed mill-hatja, taht penali ta` elf euro (€1000) ghal zmien sena mill-llum ghall-protezzjoni ta` Hassan Muhamed Abubakar u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil hatja, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet taghhom taht l-Artikolu 28B jekk huma jikkommettu, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------